MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 56/2014

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta (6) ta' Dicembru tas-sena elf disa'mija u sitta u tmenin (1986), mil-liema zwieg kellhom zewgt itfal, S illum twieled fid-disgha (9) ta'Dicembru tas-sena elf disa'mija u tmienja u tmenin (1989) u L illi twieldet fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elf disa'mija u erbgha u disghin (1989);

Illi s-separazzjoni personali bejn il-partijiet giet debitament awtorizzata permezz ta’ digriet tas-SekondÁwla tal-Qorti Civili tal-hamsa (5) ta’Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u l-partijiet irregolaw is-separazzjoni taghhom permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia tal-hdax (11) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003);

Illi minn dik id-data ‘l quddiem, l-esponenti qatt ma ghex aktar mal-intimata;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tordna d-divorzju bejn il-partijiet skont l-Artiklu 66A tal-Kap. 16 u tordna lir-Registratur tal-Qorti jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-provvediment relattiv sabiex jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha ippremettiet :

Illi l-esponenti ma topponix ghat-talba maghmula mir-rikorrent zewgha ghal hall taz-zwieg taghhom u taqbel illi jikkonkorru l-elementi mahsuba fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B kif korrettament senjalat mir-rikorrent fit-talba tieghu b’dan illi l-ispejjez tal-istess ghandhom jigu sapportati mill-istess rikorrent zewgha;

Illi l-esponenti titlob umilment illi dina l-Qorti joghgobha taworizzaha tirriverti ghal kunjomha xbubitha Pace;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Marzu, 2014;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-intimata talbet lill-Qorti tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Pace.

Il-Qorti wara li semghet liz-zewg partijiet jixhdu rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta’ Lulju 2003;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, filwaqt illi l-Qorti tawtorizza lill-intimata sabiex tirriveri ghal kunjom xbubitha u cioe’ Pace, tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------